



**KUNSILL  
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 8 ta' Diċembru 2008  
(OR.fr)**

**16874/2/08  
REV 2**

**LIMITE**

**COMEPA 49  
PESC 1646**

**NOTA**

minn: Coreper

lil: Kunsill

Suġġett: Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani

- Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill (KAĠRE, 8 ta' Diċembru 2008)

- Il-Kunsill huwa mistieden jadotta dan l-abbozz ta' konklużjonijiet fil-laqgħa tiegħu tat-8 ta' Diċembru 2008.

**Abbozz ta' konklużjonijiet tal-KAĠRE (8 ta' Diċembru)**

**- Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani -**

1. L-Unjoni Ewropea tirriafferma l-appoġġ tagħha għall-proċess ta' negozjati bejn l-Iżrael u l-Palestina li beda wara l-Konferenza ta' Annapolis.

Għalkemm dan il-proċess ta' negozjati għadu ma tax ir-riżultati kollha mixtieqa, ġiet attivata politika dinamika irreversibbli. L-Unjoni Ewropea tirriafferma l-impenn tagħha għar-rwol tal-Kwartett fil-qafas ta' dan il-proċess. Hi tappoġġa l-impenn tal-partijiet sabiex iseħħu dawn in-negozjati intensi, sostnuti u mingħajr interruzzjoni bil-għan li jintlaħaq ftehim ta' paċi għall-ħolqien ta' Stat Palestinjan, li jkun jinkludi ċ-Ċisgordanja u Gaza, vijabbbli, indipendenti, demokratiku u sovran, li jgħix fil-paċi u fis-sigurtà maġenb l-Iżrael fi fruntieri sikuri u rikonoxxuti.

Il-Kunsill itenni l-impenn tiegħu rigward approċċ globali u regionali għal riżoluzzjoni tal-kunflitt Għarbi-Iżraeljan. Huwa jilqa' d-diskussionijiet indiretti ta' paċi bejn l-Iżrael u s-Sirja taħt l-awspiċju tat-Turkija u jħeġġeġ liż-żewġ partijiet biex jifθu negozjati diretti. Huwa jħeġġeġ l-isforzi kollha li qed isiru sabiex jintlaħqu l-istabbiltà, il-paċi u s-sigurtà fir-reġjun.

2. L-Unjoni Ewropea tinsisti sabiex is-sitwazzjoni fil-post tinbidel b'mod sinifikanti, fkonformità mal-impenji li ttieħdu fissem il-pjan direzzjonali, sabiex tissaħħaħ il-fiduċja reċiproka. Id-dinamika politika kkontribwixxiet għal progress reali, sew fil-qasam tas-sigurtà kif ukoll f'dak tal-governanza u l-Istat tad-dritt. Ta' min ifaħħar ir-riżultati miksuba mill-Awtorità Palestinjana, b'mod partikolari fJénine, Naplouse u dawn l-isforzi għandhom jissukktaw.

3. L-Unjoni Ewropea tikkundanna kull xorta ta' vjolenza, speċjalment f'Gaza kif ukoll l-isparar ta' missili kontra l-popolazzjoni ċivili, li għandha tieqaf kompletament; il-ġlieda kontra t-terroriżmu għandha tibqa' tkun segwita mingħajr waqfien. Il-kaporal Gilad Shalit għandu jinħeles mingħajr ebda kondizzjoni.

4. L-UE tinsab profondament imħassba bl-espansjoni aċċellerata reċenti ta' l-insedjamenti. Il-kolonizzazzjoni trid tieqaf b'mod urġenti u din tinkludi l-espansjoni naturali, inkluż fil-Lvant ta' Ġerusalem. Din tmur kontra d-dritt internazzjonali u tikkomprometti l-ħolqien ta' Stat Palestinjan vijabbi. L-ostakli fiċ-ċirkolazzjoni lejn it-Territorji Palestinjani okkupati u ġewwa fihom għandhom jitneħħew, b'mod partikolari sabiex ikun jista' jseħħi l-iżvilupp ekonomiku. Is-sitwazzjoni umanitarja f'Gaza għandha titjieb urgentelement, permezz tal-kisba tal-paċi, il-ftuħ mill-ġdid tal-punti ta' qsim u l-forniment ta' oġġetti u servizzi għall-benefiċċju tal-popolazzjoni. Għandha tkun garantita l-kapaċità tal-aġenzi ta' assistenza, b'mod partikolari tal-UNRWA, biex jagħtu l-għajnejha tagħhom. Fl-aħħarnett jeħtieġ li l-priġunieri Palestinjani jinħelsu f'numri akbar, u bħala priorità l-minorenni.
5. L-Unjoni Ewropea tappoġġa l-isforzi tal-medjaturi Eġizzjani bil-għan ta' rikonċiljazzjoni Palestinjana. L-UE tinsab lesta tappoġġa lill-gvernijiet kollha li jirrispettaw l-impenji tal-PLO, tappoġġa b'mod riżolut in-negożjati ta' paċi mal-Iżrael, u li l-politika u l-azzjonijiet tagħhom jirriflettu l-prinċipji tal-Kwartett.
6. L-Unjoni hija determinata li taħdem biex issaħħaħ r-rwol ta' sorveljanza tal-Kwartett fuq il-post, flimkien mal-Istati Uniti u l-membri l-oħra tal-Kwartett. Sabiex tinsab soluzzjoni dejjiema, l-Unjoni Ewropea, mingħajr ma tindaħal fin-negożjati jew tippreġudika r-riżultati tagħhom, terġa' tiddikjara li tinsab lesta tikkontribwixxi, fil-mument opportun, għall-implimentazzjoni ta' ftehim finali ta' paċi. Il-Kunsill jieħu nota tar-riflessjonijiet magħmulin mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill u l-Kummissjoni f'dan ir-rigward.
7. Konvinta li biex il-paċi tkun dejjiema, din għandha tkun globali, l-Unjoni Ewropea tħalli l-impenn tagħha għal riżoluzzjoni tal-konflitt Għarbi-Iżraeljan fit-partijiet tiegħi kollha, f'konformità mat-termini ta' referenza tal-konferenza ta' Madrid, b'mod partikolari l-iskambju ta' art mal-paċi, għar-riżoluzzjoniċi rilevanti tal-Kunsill ta' Sigurtà u għall-pjan direzzjonali tal-Kwartett. L-UE tfakkarr fl-importanza ta' impenn kontinwu, ġenerali u kostruttiv tal-imsieħba Għarab. F'dan ir-rigward, hija tqis li l-Inizjattiva Għarbija għall-paċi għandha tkun meqjusa mill-partijiet kollha.